## *Never too late*

*It's never too late to start again*
*Whatever life may bring,*
*It isn't too soon to change your path,*
*And transform everything.*
*It's never too late to bring back joy,*
*And turn your life around,*
*It's not too soon to make new friends,*
*New confidence you've found.*
*Don't think about what lies ahead,*
*What's coming or might be,*
*It's not too late to live again,*
*In peace and harmony.*
*Each day's the time to start anew,*
*Accept and stay serene,*
*Your blessings now it's time to count,*
*Place smiles where tears have been.*
*Positivity your brand new start,*
*Have faith and you will find,*
*Peace will return with your new strength,*
*Leaving your fears behind.*

*Chrissy Greenslade.*

**Chairperson: Maria Borg** **Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda** **Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**




**Volum 20** **Harga 9** **Novembru 2017**

Gheziez Hbieb,

Kemm itir iż-żmien! Diġa spiċċat sena oħra u xahar ieħor ngħidu wasal...u għadda ...l-Milied. Imbagħad l-ewwel tas-sena u nibdew sena ġdida. U nibdew ċiklu ieħor. U nkomplu nippruvaw nagħmlu l-ġid u ngħinu nies ġodda li jidħlu fil-grupp.

Jien issa ili fil grupp għal ħafna żmien u ili chairperson xi tmien snin. F'dan iż-żmien rajt ħafna nies jiġu u jmorru. L-uċuħ tan-nies jinbidlu, esperjenzi ġodda, atteġġjamenti ġodda imma ħaġa waħda kostanti ....li fil-grupp jiġu nies li qed ifittxu ftit tal-wens u għajnuna. Jien dejjem ippruvajt ngħin, fil-grupp tfajt ħafna enerġija u ddedikajt ħafna ħin, ippruvajt indahhal ħafna posittivita' u ċerta serjeta'. Nispera li rnexxieli.

Pero nixtieq nara aktar ħeġġa minn ċertu nies li jippruvaw jagħtu daqqa t'id. Biex il-grupp ikompli u ma jisfaxxax fix-xejn il-quddiem jeħtieg li dawk li huma aktar żghar fl-eta' juru ċertu nteress biex jgħinu u joħorġu għall-kumitat. Anke min għandu xi talent u jixtieq jagħmel xi attivita' jew jagħti xi tahdita fuq xi hobby jew interess li għandu jghid lill-kumitat u ninkluduh fil-programm. Ma nzommux lura u ma nisthux. Jien ċerta li fil-grupp hemm ħafna nies b'xi talent u li kapaċi jikkontribwixxu. Ħafna drabi ahna tal-kumitat niġu f'diffikulta' x'se naqbdu nivvintaw u lil min se nġibu bħala guest. Għalhekk jekk ikollna xi membri li joffru li jagħmlu xi attivita' niehdu gost.

Jiena napprezza ħafna li meta jiġu membri ġodda kulhadd jipprova jilqagħhom u jgħinhom iħossuhom milqughin. Dan huwa dover ta' kull wieħed u waħda minnha li nippruvaw ngħinu lil xulxin għax dak huwa l-iskop tal-grupp. Nixtieq ukoll li jkun hemm aktar voluntiera biex jgħinu fil-kafe'.

Ammirajt ukoll il-ġenerożita' tagħkom meta għamilna ġabra spontanja għall-fondazzjoni għall-għajnuna għal nies neqsin mid-dawl. F'temp ta' għaxar minuti ġbarna €146.38c. Prosit tassew!

L-aħħar appell tiegħi huwa dan. Kif dejjem ngħidilkom hija diffiċli ħafna nsibu post fejn niltaqgħu bla ħlas għalhekk napprezzaw kemm aħna xxurtjati li sibna l-post li għandna u għandna lil Nicky li miskin vera jieħu paċenzja bina! Nibżgħu għall-post u nżommu l-indafa u l-ordni. U npoġġu s-siġġijiet lura fejn sibnihom meta nċaqalquhom.

*Dejjem taghkom*
*Maria*

## Attivitajiet għax-xahar ta' Novembru 2017

**Il-Gimgħa 3 ta' Novembru: 8.00 pm** Education Boardroom, Floriana.
Illum Maria Borg flimkien ma' Sandra Mallia se jagħmlu quiz jismu "Staqsini Għoxrin". Ġieli għamilna bħalu u dejjem ħadna gost. Jintrebhu il-premjijiet.

**Il-Gimgha 10 ta' Novembru: 8.00 pm** Education Boardroom, Floriana.
Illum is-sur Mario Coleiro se jagħmlilna taħdita interessanti ħafna dwar storja u kultura. Titilfuhiex!

**Il-Gimgha 17 ta' Novembru:** Illum se nagħmlu il-Birthdays ta' dawk li jagħlqu sninhom fix-xahar ta' Novembru. Dettalji aktar tard.

**Il-Gimgha 24 ta' Novembru: 8.00 pm** Education Boardroom, Floriana.
Illum Silvio Ellul flimkien ma' Connie Azzopardi se jagħmlulna xi logħob.
Ejjew ha tieħdu gost, tidħqu daħqa u tirbħu xi ħaġa.

**Il-Hadd 26 ta' Novembru: 9.30 am** Mt. St. Joseph, Targa Gap, il- Mosta**.**
Illum se mmorru flimkien nagħmlu quddiesa u riflessjonijiet waqt irtir f' Mt. St Joseph flimkien mad-Direttur Spiritwali u ħabib tagħna Fr. Saviour Chircop.

**Programm:**
**9.30:** Niltaqgħu Mt. St Joseph fid-disgħa u nofs**.**
**10.00:** Kafe'/Te u xi biċċa cake jew gallettina ma tonqosx! Inkella niffjakkaw!!
**10.30:** Riflessjoniet u diskussjoni ma' Fr. Saviour.
**11.30:** Qrar.
**12.00:** Quddiesa u min irid jitqarben.
**13.00:** L-ikla ta' nofsinhar.
**14.30 - 15.00**: Nerggħu niltaqgħu għall-aħħar riflessjoni qasira u min irid immorru mixja qasira wara.
**Tmiem tal-Irtir**
**Prezz: 20 ewro**

**IL-PANTOMIMA**
Nixtiequ ninfurmawkom li, bħas-snin l-oħra, din is-sena se norganiżżaw ħarġa għall-Pantomima fl-Istitut Kattoliku li din is-sena jisimha: FROW ZINN!!!
Din se tkun **fis 6 ta' Jannar** fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00p.m). Peress li jkun is-Sibt, wara nistgħu noħorgu flimkien nieħdu xi ħaga tal-ikel.
Booking miftuħ mas-sur John Trapani. (Mob: 9944 3481). Tħallux għall-aħħar għax il-biljetti jinħatfu malajr. Il-prezz għadu mhux stabbilit.

**NEW YEAR'S EVE BUFFET DINNER**

Lejlet l-ewwel tas-sena se mmorru buffet dinner il-Corinthia Palace – H'Attard.
Il-prezz li jinkludi welcome drink, ikel u entertainment huwa ta' €65.
Drinks mhumiex inklużi. Il-booking miftuħ mas-sur Joseph Bonello mobile number: 99234677. Mal-booking isir il-ħlas.




*Positive Mind, Positive Vibes, Positive Life, Positive Outcome*